MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2006

Avviz Numru. 68/2004

**Sarah Caruana**

**vs**

**Antonio Portelli**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 ta’ Frar tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attrici sejjet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex :

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attrici bhala konsegwenza ta’ l-incident tat-traffiku li gara fil-25 ta’ Mejju tas-sena 2003 fil-limiti ta’ St. Andrews, Malta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni AVY – 011 b’mod negligenti, imprudenti u kontra r-regolamenti tat-Traffiku, bir-rizultat li huwa habat mal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni ZAC – 123

proprjeta’ ta’ assikurat tal-attur, u kkaguna hsarat konsiderevoli f’din il-vettura;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fl-ammont ta’ elfejn u hamest mitt Lira Maltin, (LM2,500.00,0), jew somma ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-Avviz;

4. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult li jammontax ghal hmistax –il Lira Maltin, (LM15.00,0), ta’ ittra legali datata s-17 ta’ Gunju tas-sena 2003, u ta’ ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment ma’ dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, kollox kontra l-istess konvenut li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-22 ta’ Marzu tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenuta eccepixxa s-segwenti;

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-attrici hija unikament responsabbli ghall-incident mertu ta’ din il-kawza u ghalhekk ma hemm ebda danni x’jigu likwidati fil-konfront tal-konvenut;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fil-25 ta’ Mejju ta-sena 2003 ghall-habta tas-saghtejn

u kwart ta’ wara nofs inhar, fi Triq Sant’Andrija, San Giljan, kantuniera ma’ Triq is-Slielem;

2. Illi fl-incident de quo kienu nvoluti l-attrici Sarah Caruana, li fl-okkorrenza tidher erroneament indikata bhala Bonnici, (ara fol 20 u 31), li kienet qed issuq il-vettura tal-marka Ford Ka bin-numru ta’ registrazzjoni ZAC – 123 u l-konvenut antonio Portelli li kien qed isuq vann tal-marka Ford Transit bin-numru ta’ registrazzjoni AVY – 011;

3. Illi skond l-ufficcjal tal-pulizija li mar fuq il-post ta’ l-incident li kellem lix-xufiera nvoluti jirrizulta s-segwenti:

a. Illi l-konvenut sostna mieghu li fil-hin ta’ l-incident hu kien wieqaf u meta l-vettura misjuqa mill-attrici kienet tiela’ Triq Sant’Andrija fid-direzzjoni ta’ Bahar ic-Caghaq, baqghet diehla fih;

b. Illi l-attrici sostniet li hi u tiela’ il-vann ma rahiex u haset id-daqqa;

Ikkunsidrat:

Illi l-attrici ssostni s-segwenti:

1. Illi kienet qed issuq ghall-affari taghha b’volocita’ ta’ madwar hamsin (50) kilometru fis-siegha;

2. Illi ssuq ftit bil-mod u allura zzomm fuq in-naha ta’ gewwa tal-karreggjata taghha;

3. Illi hekk kif kienet qed tavvicina l-post fejn kien hemm il-“Forun Hotel”, sostniet li rat vann ahmar niezel in-nizla ta’ quddiemha fuq ix-xellug taghha u baqa’ hiereg ghal fuqha;

4. Illi kif hi l-konfigurazzjoni tat-triq wiehed ma jistax jinduna b’dak li jkun gej minn dik id-direzzjoni hlief fl-ahhar mumenti;

5. Illi meta rat lill-vann tal-konvenut dan kien gia’ qabez l-istop sign li hemm u ghalkemm ghafset il-pedala tal-fren, kien inutili ghaliex l-incident ma setghax jigi evitat;

6. Illi l-iskizz mhux preciz stante li l-vann in dizamina kien aktar ‘il barra mill-post fejn hu ndikat;

7. Illi din il-verzjoni giet ikkonfermata mill-passiggieta l-ohra li l-attrici kellha maghha fil-mument ta’ l-incident;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut isostni s-segwenti:

1. Illi kien hiereg ghal go Triq Sant’Andrija, minn hdejn il-‘Forum Hotel’;

2. Illi hekk kif kien hiereg kien hemm xarabank tal-linja fuq l-istage tnizzel u ttella’ in-nies u ghalhekk kellu jistenniha titlaq;

3. Illi kif ix-xarabank fuq indikat beda miexi ra lill-attrici “ … gejja sparata …” li baqghet diehla go fih;

4. Illi din l-attrici ghaddiet “ … bejn il-bus-stop u x-xarabank u kisret fuq is-side road” u sabet lill-konvenut jistenna biex jipprocedi;

5. Illi l-iskizz hu ragonevolment tajjeb;

Ikkunsidrat:

Illi mill-analizi tal-fatti kif esposti l-verzjoni tal-konvenut tirrizulta li hi verosimilio u timmerita l-konfort ta’ din il-qorti;

Illi molto piu’ jirrizulta li l-attrici tat verzjonijiet konfliggenti stante li a tempo vergine lill-ufficcjal tal-pulizija li mar fu qil-post ta’ l-incident qaltlu li ma ratx lill-konvenut waqt li fl-qorti sostniet verzjoni kompletament differenti fejn mhux biss rat lill-vann involut izda ddistingwiet il-kulur tieghu; id-

direzzjoni minn fejn kien gej u l-azzjoni tieghu fir-rigward – ovvjament kollox b’mod nefast fil-konfront tal-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut jirrizulta li kien konsistenti;

Illi di piu’, il-hsarat sofferti mill-vetturi involuti javallaw bi kjarezza l-verzjoni kif sottoskritta mill-konvenut;

Ghaldaqstant, din il-qorti wara li ezaminat fid-dettal is-suespost, tirrespingi t-talbiet attrici, takkolji l-eccezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjez.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------